PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

PROVIŻORJU
2007/0079(CNS)

12.6.2007

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija mal-konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 stabbilita fuq il-bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-użu ta' l-informatika fil-qasam tad-dwana
(COM(2007)0211 – C6-0168/2007 – 2007/0079(CNS))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Jean-Marie Cavada

(Proċedura ssimplifikata - L-Artikolu 43, paragrafu 1, tar-Regolament)

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Pagna

ABBOZZ TA' RIZOLUZZJONI LEGIZLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .**Error! Bookmark not defined.**

NOTA SPJEGATTIVA **Error! Bookmark not defined.**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija mal-konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 stabbilita fuq il-bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-użu ta' l-informatika fil-qasam tad-dwana (COM(2007)0211 – C6-0168/2007 – 2007/0079(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni (COM(2007)0211),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 3, paragrafu 4, ta' l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija skond liema kien ikkonsultat mill-Kunsill (C6-0168/2007),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 51 u l-Artikolu 43, paragrafu 1 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0000/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinforma lill-Parlament jekk ikollu l-intenzjoni li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsulta lill-Parlament jekk biħsiebu jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet tal-Bulgarija u r-Rumanija.

NOTA SPJEGATTIVA

L-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija[1] ta' l-2005, issimplikfika l-adeżjoni tagħhom mal-konvenzjonijiet (u l-protokolli) konklużi mill-Istati Membri fuq il-bażi ta' l-Artikolu 43 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (l-eks Artikolu K.3 tat-Trattat UE) jew l-Artikolu 293 tat-trattat KE.

L-Anness 1 ta' l-Att ta' Adeżjoni jipprevedi l-lista tas-seba' konvenzjonijiet u protokolli fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni inkluża l-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995, stabbilita fuq il-bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-użu ta' l-informatika fil-qasam tad-dwana; il-protokoll tad-29 ta' Novembru 1996, stabbilit fuq il-bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-interpretazzjoni, fuq bażi preġudizzjarja, mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tal-Konvenzjoni dwar l-użu ta' l-informatika fil-qasam tad-dwana; il-protokoll tat-12 ta' Marzu 1999, stabbilit fuq il-bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, relatat ma' l-applikazzjoni tal-ħasil tal-flus fil-Konvenzjoni dwar l-użu ta' l-informatika fil-qasam tad-dwana u fl-inklużjoni ta' numru ta' reġistrazzjoni tal-mezz ta' trasport fil-Konvenzjoni; u l-protokoll tat-8 ta' Mejju 2003, imwaqqaf skond l-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jimmodifika l-ħolqien ta' dejtabejż ta' identifikazzjoni tal-fajls tad-dwana, il-Konvenzjoni dwar l-użu ta' l-informatika fil-qasam tad-dwana.

Minħabba l-użu ta' din is-sistema ssimplifikata, m'hemmx aktar bżonn li jiġu nnegozzjati u konklużi l-protokolli ta' adeżjoni speċifiċi. Sakemm il-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 dwar l-użu ta' l-informatika fil-qasam tad-dwana u l-protokolli relatati magħha, jidħlu fis-seħħ fil-Bulgarija u r-Rumanija, il-Kunsill għandu jadotta wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew[2], deċiżjoni li tiddetermina d-data li fiha l-konvenzjoni u l-protokolli se jidħlu fis-seħħ.

Ir-'rapporteur' tagħkom għalhekk jipproponi li tiġi adottata d-deċiżjoni tal-Kunsill mingħajr emendi.

[1] ĠU L 157, tal-21.6.2005, p. 203.
[2] B'konformità ma' l-Artikolu 3, paragrafu 3, u l-Artikolu 3 paragrafu 4, ta' l-att ta' adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, ĠU L 157 tal-21.6.2006, p.203.